

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2018 – Mutondo vs Il-Kunsill****(Kawża T-174/18)**

(2018/C 161/82)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Kalev Mutondo (Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, M. Forgeois u A. Guillerme, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2282 tal-11 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo sa fejn din iżżomm lir-rikorrent fin-Nru 16 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK u fin-Nru 16 tal-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005;
- tikkonstata l-illegalità tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3(2)(c) tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni 2016/2231/PESK u 2b(1)(c) tar-Regolament Nru 1183/2005/KE;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi, li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-163/18, Amisi Kumba vs Il-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2018 – Ruhorimbere vs Il-Kunsill****(Kawża T-175/18)**

(2018/C 161/83)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrent:* Éric Ruhorimbere (Mbujimayi, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, M. Forgeois u A. Guillerme, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2282 tal-11 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo sa fejn din iżżomm lir-rikorrent fin-Nru 14 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK u fin-Nru 14 tal-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005;